**_RULING_ MOGĦTI MILL-ISPEAKER ANĠLU FARRUGIA FIS-SEDUTA 296 TAL-5 TA' FRAR 2020 DWAR IL-MANSJONI TAL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI**

**L-ISPEAKER:** *Ruling* mitlub mill-Onor. Glenn Bedingfield fis-Seduta Nru 295 tal-bieraħ, 4 ta' Frar 2020, fejn huwa talab hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Sur President, billi skont l-aġġornament tal-Kamra l-Erbgħa, 5 ta' Frar, se jiltaqa' l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi bl-aġenda kif ikkomunikata mill-Oppożizzjoni, jiġifieri diskussjoni fuq il-kuntratt iffirmat bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Membru Parlamentari Konrad Mizzi, u jirreferi għar-rapport li deher fil-ġurnal *The Times of Malta* fis-27 ta' Jannar tal-2020. Billi dan il-kuntratt ġie rexiss u annullat mill-Awtoirtà Maltija għat-Turiżmu u għalhekk ma sar l-ebda użu, ebda ħlas ta' fondi pubbliċi, qed nitlob *ruling* mingħandek biex tindika jekk id-diskussjoni li qed titlob l-Oppożizzjoni hijiex fil-mansjoni u fil-ġuriżdizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, u dan skont l-i*Standing Orders* tal-Parlament. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja wieġbet lill-Onor. Membru hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Grazzi. Issa nistudja l-każ u nagħti *ruling*."

It-talba tal-Onor. Membru hija dwar jekk is-suġġett li jidher fuq l-aġenda tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li għandu jiltaqa' fil-5 ta' Frar, jiġifieri l-kuntratt li kien hemm iffirmat bejn l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Membru Parlamentari Konrad Mizzi, li kien deher fil-ġurnal *The Times of Malta*, jistax ikun diskuss mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi skont l-Ordni Permanenti li jwaqqaf l-istess Kumitat.

Is-Sedja tagħmilha ċara minnufih li dak li għandu x'jaqsam mal-aġenda, jiġifieri s-suġġett li l-Kumitat ikun qiegħed jiltaqa' dwaru, huwa prerogattiva taċ-Chairman, kif diġà ntqal f'diversi deċiżjonijiet mis-Sedja preżenti u anke minn Eks Speakers oħra, fosthom is-Sedja kif preseduta minn Dr Michael Frendo, li qal:

> "Is-Sedja trid tiddeċiedi u tittratta dwar jekk l-aġenda jew xi *item* jistgħux jiġu kkontestati mill-Membri tal-Kumitat".

Is-Sedja preżenti mbagħad fl-4 ta' Ġunju qalet li hija:

> "… prerogattiva tal-istess Chairman li jkun responsabbli mill-mod kif imexxi dan il-Kumitat, kif jgħid l-*Erskine May* f'paġna 796 tat-23 Edizzjoni, fejn jgħid "*order in debate in a committee is enforced by the Chairman and he is responsible for the conduct of the business and no appeal from his decision should be made to the Speaker*".

Ovvjament dejjem qed nitkellmu li meta jlaqqa', kemm jista' jkun iċ-Chairman jara li jkun hemm *consensus*. Infatti, fid-deċiżjoni tagħha s-Sedja preżenti fis-Seduta tat-30 ta' Novembru 2016, kienet qalet li għandu jkun hemm *consensus* bejn il-Membri dwar l-andament tas-seduta tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Dan huwa sempliċement suġġeriment tas-Sedja biex kif dejjem tgħid l-istess Sedja f'diversi *rulings* li tat, jirbaħ il-bonsens, kemm f'dan il-Kumitat kif ukoll f'kumitati parlamentari fost il-membri u ċ-*chairperson* fl-andament tax-xogħol tal-kumitat parlamentari.

Il-punt imqajjem mill-Onor. Glenn Bedingfield mhux biss huwa punt akkademiku imma huwa wkoll punt ta' proċedura ta' portata importanti dwar jekk is-suġġett li huwa fl-aġenda tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, kif dirett miċ-*Chairperson*, jaqax taħt il-mansjoni u l-poteri li għandu l-istess Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Nibda biex ngħid li apparti l-Ordni Permanenti 120E, fejn hemm il-kwalifiki li għalihom is-Sedja se tagħmel referenza, is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal dak li huwa indikat fil-Kostituzzjoni ta' pajjiżna, ċjoè li l-Kumitat għandu jifli kull spiża bħalma huwa indikat fis-subartikolu (3) tal-artikolu 103 u fl-artikolu 104 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-artikolu 103 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar awtorizzazzjoni ta' nefqa mill-Fond Konsolidat u s-subartikolu (3) tiegħu jgħid hekk:

> "(3) Jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab –
>
> (a) li l-ammont approprjat bl-Att ta' Approprjazzjoni għal xi skop ikun insuffiċjenti, jew li tkun qamet ħtieġa ta' spiża għal skop li għalih ebda ammont ma jkun ġie approprjat b'dak l-Att; jew
>
> (b) li xi flejjes ikunu ġew minfuqa għal xi skop b'eċċess tal-ammont (jekk ikun hemm) approprjat għal dak l-iskop b'dak l-Att,
>
> estimu supplimentari li juri s-somom meħtieġa jew minfuqa għandu jitqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati u l-kapi ta' kull nefqa bħal dik għandhom jiġu mdaħħla f'abbozz ta' liġi ta' approprjazzjoni supplementari."

L-artikolu 104 tal-Kostituzzjoni mbagħad jittratta l-awtorizzazzjoni ta' nefqa qabel approprjazzjoni u jgħid hekk:

> "**104.** Il-Parlament jista' jagħmel provvediment li bis-saħħa tiegħu, jekk l-Att ta' Approprjazzjoni dwar xi sena finanzjarja ma jkunx beda jseħħ mal-bidu ta' dik is-sena finanzjarja, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jawtorizza l-irtir ta' flejjes mill-Fond Konsolidat sabiex titħallas dik l-ispiża li jista' jqis meħtieġa biex jitmexxa l-Gvern ta' Malta sat-tmiem ta' erba' xhur mill-bidu ta' dik is-sena finanzjarja jew sa meta jibda jseħħ dak l-Att, liema jkun l-ewwel."

Dan qed jingħad peress li s-suġġett li qiegħed fl-aġenda tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-5 ta' Frar, 2020, kif indikat fl-aġġornament u kif ingħad fis-seduta tal-bieraħ, huwa rifless fuq kuntratt li sar bejn il-Malta Tourism Authority (MTA) u l-Membru Parlamentari Konrad Mizzi li deher fil-ħarġa ta' *The Times of Malta* tas-27 ta' Jannar 2020, u li kif jirriżulta, wara li s-Sedja għamlet ir-riċerka tagħha, dan id-dokument qatt ma ġie ppreżentat fil-Parlament għax qatt ma tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, u wkoll qatt ma kien suġġett ta' xi rapport minn xi entità jew mill-Awditur Ġenerali jew minn xi Ministeru jew minn xi aġenzija jew awtorità.

Fil-fatt, mir-riċerka li għamlet is-Sedja kulma sabet huwa li kien hemm *press release* maħruġa fit-28 ta' Jannar ta' din is-sena, proprju l-għada li deher l-artiklu fuq il-ġurnal *The Times of Malta*. Din il-*press release* kienet maħruġa mill-Ministeru għat-Turiżmu u prattikament qiegħda tgħid illi b'referenza għal dak il-kuntratt li deher fil-ħarġa ta' *The Times of Malta*

tas-27 ta' Jannar, 2020, il-kuntratt ġie totalment rexiss u annullat mill-istess MTA, li ovvjament kienet parti minn dan l-allegat kuntratt li jissemma fil-ħarġa ta' *The Times of Malta*.

Is-Sedja se tara wkoll is-setgħat tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li joħorġu mill-Ordni Permanenti 120E, u nikkwota:

> "**120E.** (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:
> (a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;
> (b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;
> (ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;
> (d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;
> (e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;
> (f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;
> (g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel dan il-paragrafu; u
> (h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."

Is-Sedja, fuq dak li qed jallega l-Onor. Glenn Bedingfield, ma jirriżultalha minn imkien illi l-kuntratt li deher fil-ħarġa ta' *The Times of Malta* tas-27 ta' Jannar ta' din is-sena kien riżultat ta' xi rapport magħmul mill-Awditur Ġenerali jew minn Ministru, jew li tpoġġa fil-Kamra u li għandu x'jaqsam ma' ħruġ minn kontijiet pubbliċi, u allura strettament is-suġġett mhuwiex u ma jaqax taħt il-mansjoni u s-setgħat li għandu l-istess Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

Min-naħa l-oħra s-Sedja rat ukoll dak li jintuża bħala prattiċità fil-pajjiżi tal-Commonwealth u anke fil-House of Commons, u dan minħabba l-fatt li fin-nuqqas ta' dettall li jista' jkun hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, l-Ordni Permanenti 197 jgħid hekk:

> "**197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-ordnijiet permanenti …

– għalkemm kif spjegajt, jidher li huma regolati mill-Ordni Permanenti 120E –

> "… wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit, li għandhom jiġu segwiti sa fejn jistgħu jiġu applikati għall-proċeduri tal-Kamra, b'konsiderazzjoni xierqa għan-natura speċjali tal-Kostituzzjoni."

Is-Sedja diġà għamlet referenza għall-Kostituzzjoni ta' pajjiżna u anke rat dak li jsir fil-House of Commons. Għaldaqstant tagħmel referenza għall-*Erskine May, Parliamentay Practice, 24 Edition*, li f'paġna 724 jitkellem ċar illi, u nikkwota:

“*The Accounts compare outturn with the approved Estimate for both the use of resources and the expenditure of cash. The Accounts must be laid before Parliament, together with a report on the Comptroller and Auditor General's audit, no later than the end of the following January ...*

*The Committee of Public Accounts may examine such Accounts.*”

Dan ifisser li l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi jistħarreġ dawk ir-rapporti li jew ikunu ġew ippreżentati fil-Parlament wara li jkun sar rapport mill-Awditur Ġenerali, jew anke differenti minn dik il-prattiċità li tista’ tintuża fil-House of Commons, kif diġà spjegajt, l-Ordni Permaneti dwar ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu ma’ kontijiet pubbliċi u li jiġu riferuti lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali. F’dan il-każ l-ebda rapport dwar kontijiet pubbliċi fir-rigward ta’ dan l-allegat kuntratt, li ġie rexiss, ma ġie riferut lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali.

Is-Sedja rat ukoll dak li huwa indikat fir-rapport bħala ‘*perceived public accounts effectiveness*’, fosthom il-pajjiżi tal-Commonwealth il-Kanada, il-Malasja u oħrajn, hemm indikat ċar u nikkwota:

“*That in the case of the Public Accounts Committee, according to the report, it needs to have access to information and to be able to exchange information with other PACs in order to keep them abreast of the latest developments*.”,

u dan b’referenza għall-*case studies* li saru biex dejjem ikun hemm l-aħjar riżultati. Fl-istess rapport però jingħad ukoll, u nikkwota:

“*The Public Accounts Committee must be authorised legally to examine all public accounts and any activities that relate to public accounts and that involve public interest.*”

Is-Sedja rat ukoll ir-rapport ‘*Best Practices of Public Accounts Committees*’ maħruġ mill-Association of Public Accounts Committees of South Africa fejn jingħad ċar illi:

“*All reports of the auditor general are addressed to parliament, and the auditor general or a representative will attend the sittings of the PAC.*”

Jgħid ukoll li:

“*The fact that the PAC is not to question the policy underlying spending decisions impacts on who the committee holds to account. The normal legal construction is that a minister is the political head of a department, whereas a Permanent Secretary or Director General is the administrative head of a department*.”

Is-Sedja rat ukoll dak li huwa deċiż bħala proċedura stabbilita fil-Kanada, speċjalment wara l-‘*Public Accounts Committee Report’*, li fost affarijiet oħra jgħid hekk:

“*When the Speaker tables a report by the auditor general in the House of Commons, it is automatically referrred to the Public Accounts Committee*”.

Dan ikompli jgħid illi:

> "*The Committee selects the chapters of the report it wants to study and cause the auditor general and senior public servants from the audited departments, agencies and other federal organisations to appear before it to respond to the Office of the Auditor General's findings*."

Dan ifisser li wara li r-rapport ikun sar, f'dan il-każ mill-awditur ġenerali, imbagħad il-Public Accounts Committee (PAC) għandu kull dritt li jħarrek persuni biex huma jirrispondu għal dak li jkun ingħad fir-rapport b'referenza għar-rapport preżentat mill-awditur ġenerali.

Hawnhekk jidher li l-Public Accounts Commitee tal-Parlament Malti għandu setgħat aktar wiesgħa minn setgħat li għandhom Public Accounts Commitees oħrajn, tant li minbarra r-rapporti li jkunu ġew ippreżentati mill-Awditur Ġenerali, jista' wkoll jissindika kontijiet pubbliċi li jkunu ġew riferuti lill-istess Public Accounts Commitees mill-Kamra tar-Rappreżenatnti u anke minn Ministru.

Jekk il-każ huwa li s-suġġett tal-aġenda huwa sempliċement dak li deher fil-ħarġa ta' *The Times of Malta* tas-27 ta' Jannar, 2020, dwar kuntratt li kien sar bejn l-MTA u l-Membru Parlamentari Konrad Mizzi u li effettivament ġurnata wara ġie annullatt, allura apparti li ma hemm l-ebda spiża pubblika jew kienet għadha ma ħarġet l-ebda spiża pubblika kif jirriżulta mill-istess *press release* maħruġa fit-28 ta' Jannar, imma aktar minn hekk, ma jaqax taħt il-*heads* tal-poteri li hemm fl-Ordni Permanenti 120E.

Madanakollu s-Sedja tħoss li jekk il-Kumitat jiddeċiedi li dwar is-suġġett indikat fl-aġenda għandu jgħaddi l-informazzjoni lill-Awditur Ġenerali u l-Membri tal-istess Kumitat jagħmlu talba skont il-paragrafu (d) tal-Ordni Permanenti 120E, u allura l-Kumitat

> "(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;",

dan il-poter huwa ċar li jista' jsir.

Għalhekk, fir-rigward tat-talba tal-Onor. Glenn Bedingfield, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li l-poteri li għandu l-Kumitat Permanenti dwar l-uniku *item* li għandu fuq l-aġenda tiegħu l-istess Kumitat, jiġifieri l-kuntratt li sar bejn l-MTA u l-Membru Parlamentari Konrad Mizzi li deher fil-ħarġa ta' *The Times of Malta*, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta hu memorandum dwar kull ħaġa li jħoss li għandha ssir fuq talba biex isir dan dwar rapport li għandu jipprepara l-Awditur Ġenerali, anke ovvjament b'riflessjoni li dan il-kuntratt ġie rexiss u annullat, wara li jkun hemm mhux inqas minn tliet membri tal-Kumitat li jiddeċiedu li ssir din it-talba.

Ir-*ruling* huwa deċiż.